MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2006

Avviz Numru. 40/2006

**Avviz numru 40/06 DM**

**HSBC Bank Malta plc**

**Vs**

**Cassar Anthony**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-bank attur talab il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' tlett elef sitt mija u erbgha u hamsin liri maltin (LM3,654) kwantu ghal elfejn sitt mija u tlettax-il lira Maltin u tnejn u sittin centezmi (LM2,613.62) dovuti bhala sorte u elf u erbghin lira Maltin u tmienja u tletin centezmi (LM1040.38) dovuti bhala imghaxijiet legali kalkulati bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mit-18 ta' Mejju 2000 sal-25 ta' Jannar 2006 dovuti fuq Flexicredit loan – mutwu – kif

jidher minn l-istatement anness mall-avviz u mmarkat dokument A.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittri ufficjali ta’ l-24 ta’ April, 1998, dokument B, 4 ta’ Dicembru, 1998 dokument C, 17 ta’ Jannar, 2000 dokument D, 23 ta’ Ottubru, 2001, dokument E, u tas-17 ta’ Frar, 2003 dokument F ; bl-imghaxijiet ulterjuri tat-tmienja fil-mija (8%) fis-sena dokorribbli mis-6 ta’ Novembru, 2004 sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li semghet lill-PL Adrian Borg prodott mill-bank attur, u rat id-dokument esebiti, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata, u timmerita konferma fejn jirrigwarda l-ammont komplessiv mitlub fl-avviz.

Ghaldaqstant qeghdha tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-bank attur is-somma mitluba ta’ tlett elef sitt mija u erbgha u hamsin liri Maltin (LM3,654) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, izda dwar l-imghax tipprovdi illi l-imghax ghandu jkun dekorribbli b’ effett mis-26 ta’ Jannar, 2006 ;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------